# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru tmienja u erbgħin (84) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar il-25 ta' Ottubru, 2011 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, Noel Galea, ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat il-minuti tas-seduta preċedenti b'*e-mail* lill-kunsillieri biex ikunu jistgħu jissuġġerixxu l-emendi li jkun hemm bżonn. Fil-fatt saru l-emendi proposti għall-minuti tas-seduta numru 83, li wkoll kienu approvati u ffirmati.

Punti mill-Minuti:

3. Dwar ix-xogħol ta' kostruzzjoni fit-toroq tar-raħal tal-Imqabba, is-sindku qal li dan miexi b'ritmu tajjeb u llum il-kuntrattur qabad jaħdem fi Sqaq il-Blanzuni. F'dan l-isqaq kienet solvuta l-problema tal-ilma tax-xorb billi ġie mgħoddi *main* adekwat biex il-familji li joqogħdu hemm ikollhom provista tajba. Is-sindku qal illi nhar is-26 ta' Ottubru 2011, il-kuntrattur hu mistenni illi jippressa l-*pipe* tal-ilma biex inaddfu, jipproċedi bit-testijiet tal-*chlorine* filwaqt li għandu jqabbdu fuq il-*main* hekk kif ikun konfermat illi kollox sew. Intant, is-sindku qal li qed nistennew li jkun approvat il-permess tat-toroq biex ikun jista' jsir ix-xogħol fi Triq is-Saljatura u t-toroq tal-madwar. Ovvjament l-inħawi ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti se jitħallew għall-aħħar għaliex dawn se jkunu affettwati bix-xogħol proġettat li jsir minn kuntrattur ieħor permezz tal-Miżura 313 fejn se jkun hemm kuntrattur ieħor li se jagħmel dan.

4. Charles Farrugia semma l-possibiltà illi ssir biċċa bankina fi Triq il-Katakombi fejn inbniet binja ġdida u wkoll kienet iffurmata triq ġdida. Hawn intqal illi biex ikun hemm il-provista tal-elettriku fil-blokka, l-Korporazzjoni Enemalta tħeġġeġ lill-iżviluppatur sabiex dan jagħmel *culvert* li minnu jgħaddi l-*wire* u għalhekk awtomatikament tkun saret il-bankina, għaliex dan isir propju taħtha. Madankollu Charles Farrugia qal illi din il-persuna hija lesta sabiex ix-xogħol (*civil works*) isir minnha filwaqt li l-materjal jipprovdih l-istess Kunsill Lokali tal-Imqabba. Intant Nicholas Briffa qal illi xogħol ġdid normalment isir mill-gvern ċentrali minkejja li s-segretarju eżekuttiv semma toroq ġodda li huma mdaħħla fl-iskema Pilota bħal dik ta' Triq Ġiacomo Tortella (faċċata ta' Triq il-Katakombi) illi l-Kunsill Lokali tal-Imqabba għamlilha wkoll il-bankina biex ikun jista' jitpoġġa t-tarmak.

5. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba approva unanimament il-kwotazzjonijiet Q7 u Q8 li kien ħareġ għall-pubbliku f'Lulju 2011 biex isiru ix-xogħolijiet tal-*ICT Changeover* kif ukoll tal-*Electrical Changeover* fil-muniċipju wara li kkuntenta bl-istima mitfuħa u l-addenda (fuq suġġeriment tal-enġinier) li se tkopri wkoll il-*PABX*, lill-kuntrattur *Alberta Fire and Security*. Is-sindku qal li se jagħżel huwa stess xi dwal artifiċjali biex jilluminaw l-uffiċini tal-kunsill tas-sular ta' fuq minn għand il-fornitur *The Light Shop*.

6. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba approva l-offerta pubblika biex isiru xogħolijiet ta' Tibdil u *Embellishment* ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Dan wara li l-uniku *bidder* li kien tefa' l-offerta, jiġifieri *Schembri Barbros*, kien ta s-*samples* u d-dokumentazzjoni li kellu nieqsa, lill-KLM wara li dawn kienu mitluba fuq rakkomandazzjoni tal-Perit Anthony Bezzina. B'dan l-

eżodu tal-approvazzjoni se tkun infurmata l-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali sabiex din tapprovaha u ma jkunx hemm problemi biex ningħataw il-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Intant nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2011, fis-2:30pm, is-sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-kuntrattur kif ukoll mal-perit biex naraw x'hemm bżonn isir biex jibda ix-xogħol.

7. Dwar l-iskema lokali sabiex possibilment il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jirbaħ fondi addizzjonali biex jirranġa l-bandli eżistenti fl-Imqabba, is-sindku qara l-punti li kien għadda s-segretarju eżekuttiv wara li hu kien akkumpanja l-ispezzjoni magħmula mill-uffiċjal fi ħdan l-Awtorità dwar il-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumatur (*MCCAA)* aktar kmieni dan ix-xahar. Dawn il-punti li jittrattaw in-nuqqas ta' sigurtà fil-bandli eżistenti jridu jitranġaw biex il-gvern ċentrali jħalli miftuħa l-istess ġonna/*playing fields* f'Misraħ il-Fidwa kif ukoll dak ta' Tfal ir-Raħal. Is-sindku qal illi qabbad lill-Perit Anthony Bezzina sabiex jipproponi it-titjib f'dawn il-ġonna biex ikunu ppreżentati mal-formula tal-iskema nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, f'nofs-in-nhar. Is-sindku ppropona żewġ makni tal-eżerċizzju (*air walker* u rota) biex jitwaħħlu f'dawn il-ġonna. Il-massimu tal-fondi li l-kunsill lokali jista' jibbenefika minn din l-iskema huma €25,000. Minkejja li mhux strettament fuq l-aġenda, il-kunsillieri iddiskutew ukoll is-sewqan eċċessiv li qed ikun hemm f'Misraħ il-Fidwa. Fosthom minn xarabankijiet tal-kumpanija *Arriva* fid-dawl li wieħed mill-punti li elenka s-segretarju eżekuttiv kien illi sakemm il-*playing field* se tibqa' aċċessibblli minn kull naħa ta' din il-pjazza, jibqa' jkun hemm il-biżgħa mill-ommijiet illi hekk kif idawwru wiċċhom, uliedhom jinżlu minn fuq il-logħob u jaqsmu t-triq b'riskju għal ħajjithom. Hawn intqal illi l-ideja li Misraħ il-Fidwa jkun fir-rotta tat-trasport pubbliku ma kienetx waħda tal-kunsill, minkejja li issa tgħabbejna bir-responsabbiltà biex insolvu problema oħra ma' dawk li diġà hemm. Infatti l-KLM qed jikkunsidra illi jagħmel *sleeping policeman* biex almenu nnaqqsu l-veloċità ġaladarba lanqas *Transport Malta* ma tawna widen biex innaqqsu l-i*speed* permezz ta' tabelli tat-traffiku.

8. Is-sindku qal ukoll illi minn nhar is-6 ta' Novembru 2011 'il quddiem, it-trasport pubbliku se jerġa' jdawwar ir-rotot u se jonora t-talba li konna għamilna; dik li d-diretta għall-Belt Valletta tgħaddi mil-Pjazza tal-Knisja. Għaldaqstant hu ttamat illi dik tar-rotta 72 tgħaddi mill-*By-Pass* (Triq il-Konvoj ta' Santa Marija), Pjazza tal-Knisja, Triq il-Madonna tal-Ġilju, u Triq tas-Sejba, prattikament minn fejn bħalissa jgħaddu dawk bir-rotta 117 u 118. Minħabba li kienet inħolqot diffukultà fir-rotta għall-isptar, ir-rotta 250 se terġa' taħdem b'mod dirett mill-pjazza wara is-6 ta' Novembru 2011. Dik bin-numru tar-rotta 117 se tibda tgħaddi mill-Ajruport (bħal-250) u wara li tgħaddi minn quddiem ir-residenza tal-anzjani San Vinċenz De Paul, din tidħol il-*Park and Ride* tal-Marsa u tipproċedi fi triqtha lejn *Mater Dei*.

9. Kienet approvata l-*payment approval sheet* numru 424. Madankollu inqatgħu mill-approvazzjoni l-kont ta' Triq il-Mitħna, kemm dak tal-kuntrattur kif ukoll dak tal-perit. Dan wara li l-KLM irriżultalu illi qed joqgħod ħafna ilma tax-xita fil-kantuniera ta' Triq il-Mitħna ma' Misraħ Missjoni ż-Żgħira.

10. F'punti oħra is-segretarju eżekuttiv ta aktar dettalji li rnexxielu jakkwista dwar il-proġett propost fi Ġnien il-Ġibjun li kien diskuss fil-laqgħa preċedenti. Hu qal illi mill-informazzjoni li għandu, wara li nsista mal-uffiċjali tal-*MEPA* kemm-il darba u dawn baqgħu jinsistu li jmur hu stess jara l-proposta fl-uffiċċju tagħhom, kien propost li f'dan il-ġnien, l-*embellishment* se jkun jikkonsisti f'pavimentar bil-lava, injam u *turf* u jitpoġġa bust tal-Madonna tal-Ġilju. Il-proposta elenkata fid-*DNO* 1052/11 ma tistax titwettaq jekk ma jkunx hemm l-approvazzjoni tal-gvern ċentrali permezz tad-Dipartiment tal-Artijiet jew din tkun ġejja mill-istess gvern ċentrali/lokali.

11. Dwar il-proposta tal-KLM sabiex l-*Environmental Landscapes Consortium* jaqilgħu l-ħarruba mis-*central strip* u din titħawwel xi mkien ieħor, kif ukoll jitqaċċtu s-siġar tal-*ficus* li kibru fl-istess *central strip*, intqal illi s'issa dawn baqgħu jinsistu fuq l-istima li kienu tawna li tlaħħaq l-€1,500.

12. Reġa' qam il-każ tal-kaptelli perikolużi fi Ġnien Mikelanġ Sapiano kif ukoll il-ħsara li saret bl-inċident fejn siġra tqaċċtet bir-riħ u ġibdet *wire* tad-dawl bl-arblu b'kollox. Nicholas Briffa insista sabiex dan il-*wire* jiġi eliminat permezz ta' trinka fit-triq/ġnien sabiex ma jkunx hemm il-biżgħa li din tagħmel ħsara lil terzi. Noel Galea qal illi se nipproponu illi l-*feeder* ta' dan l-arblu jittieħed mill-arbli dekorattivi ta' dawk li hemm imħawwla fil-ġnien ħalli nnaqqsu t-tul tat-trinka fil-passaġġi li m'ilhomx li kellhom jerġgħu jsiru mill-ġdid wara li dawn tkissru mill-għeruq tas-siġar li hemm. Nicholas Briffa semma wkoll il-ħsara tal-ilma li hemm fl-istess ġnien li wkoll se ġġiegħelna naqilgħu l-istess passaġġi.

13. Dwar il-kotba li hemm preżentement fil-pussess tal-librerija ta' Beltissebħ sabiex dawn ikunu reġistrati u finalment jinġiebu fuq l-ixkafef tal-librerija tal-Imqabba, is-segretarju eżekuttiv se jċemplilhom sabiex possibilment iħaffu l-proċess.

14. Minkejja li l-KLM kien ressaq l-oġġezzjoni tiegħu mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għaliex dawn qabdu u qatgħu madwar €2,000 mill-allokazzjoni governattiva ta' din is-sena minħabba li għal darb'oħra l-*Auditor's Report 2010* ma kienx aċċettat, Nicholas Briffa qal illi għandna nilqgħu l-istedina tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u ningħaqdu ma' numru ta' kunsilli oħra li kienu milquta minn dan it-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja. Kien hemm qbil biex fil-fatt isir dan.

15. Is-sindku semma il-qlugħ tas-siġar li issa l-*MEPA* imponiet fuq il-bidwi li għandu l-għalqa tiegħu fi Triq il-Familja Brancati. Is-sindku qal illi minn naħa tal-kunsill għandna niktbulu li jista' jipproċedi bil-qlugħ tagħhom u dawn jitħawwlu post ieħor ġaladarba dawn kienu qed jagħmlu l-ħsara fuq il-ħajt tal-għalqa, filwaqt illi nagħmlu avviż biex ma jitħawwlux pjanti oħra f'dan is-sit wara li jitneħħew dawn.

16. Is-sindku qara ittra li kienet ġejja mill-Kulleġġ San Benedittu Liċeo ta' Santa Lucia fejn dawn qed jitolbu illi l-KLM jisponsorja xi affarijiet biex jassisti għall-proġett tal-*Learning Support* illi se jkun jinvolvi ftuħ ta' klassi *ad hoc*. Il-KLM qabel illi 'l dawn għandna ngħinuhom billi nixtrulhom 24 *bowl*.

17. Is-segretarju eżekuttiv ta lista tal-korrispondenza lill-kunsillieri qabel din is-seduta li kienet tikkorrespondi ma' mazz ittri li bgħatna u li rċevejna li kienu fuq il-mejda. Lista oħra li kienet provduta lill-kunsillieri kienet dik tal-ilmenti li nfetħu u ingħalqu matul ix-xahar ta' Ottubru, 2011.

18. Il-laqgħa ntemmet fid-8.45pm u l-KLM se jżomm il-laqgħa li jmiss nhar it-Tlieta, 8 ta' Novembru, 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*8/11/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |